MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Avviz Numru. 539/2001/1

**Public Broadcasting Services Ltd.**

**Vs**

**Peter Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta’ attrici fir-Registru ta’ din il-Qorti fit-30 ta’ Mejju, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ sebgha mija u sitta w sittin Lira Maltin u tmienja w erbghin Ewro (Lm766.48) bhala prezz ta’ extra facilities skond it-tlett (3) invoices OP/I000248 fl-ammont ta’ mija u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm138), OP/I000250 Portomaso fl-ammont ta’ erbgha u hamsin Lira Maltin u hames centezmi (Lm54.05) u OP/I000195 fl-ammont ta’ hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu

(Lm574.43) ghat-trasmizzjoni tal-programm “Basta Mhux Weekend” skond il-klawsola numru tlieta punt tnejn (3.2) tal-ftehim datat 20 t’April, 1999 iffirmat minnu w mill-istess socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 6 t’April, 2011, u bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, minnu pprezentata fit-8 ta’ Novembru, 2001 fejn eccepixxa s-segwenti:

“*Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi l-ammont pretiz mhux dovut stante li s-socjeta’ attrici naqset fl-obbligi kontrattwali taghha ai termini tal-ftehim bejn il-partijiet kontendenti datat 20 t’April 1999 kif ukoll ghaliex ix-xoghol prestat mis-socjeta’ attrici ma kienx skond ma tirrikjedi s-sengha w l-arti.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat.*

*Illi minhabba ‘l fuq eccepiti nuqqasijiet da parti tas-socjeta’ attrici, l-eccipjenti sofra u ghadu qed isofri d-danni u ghaldaqstant l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu minn din il-procedura sabiex jipprezenta l-infraskritta talba rikonvenzjonali kontra s-socjeta’ attrici ghal-likwidazzjoni u risarciment tad-danni li l-eccipjent sofra u li ghadu qed isofri.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni*.”

Rat it-talba rikonvenzjonali ta’ Peter Busuttil kontra s-socjeta’ attrici Public Broadcasting Services Ltd.

Prezentata nhar it-8 ta' Novembru, 2001 fejn talab lis-socjeta' attrici rikonvenuta tghid "*il-ghaliex m'ghandhiex, prevja dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti illi s-socjeta' attrici rikonvenuta hija responsabbli ghad-danni kagunati lill-konvenut minhabba ksur da parti taghha ta' l-obbligi kontrattwali taghha ai termini tal-iskrittura private ffirmata bejn il-partijiet kontendenti fl-20 t'April, 1999, kif ukoll ghaliex is-servizzi provduti mis-socjeta' attrici rikonvenuta skond l-istess skrittura ma kienux skond ma tirrikjedi s-sengha w l-arti, jew addirittura ma gewx provduti ghal kollox;*

*Ghaliex m'ghandhiex tigi s-socjeta' attrici rikonvenuta kkundannata minn din l-Onorabbli Qorti li thallas lill-konvenut dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti,okkorrendo permezz ta' periti nominandi, liema somma ma teccedix il-hamest elef Lira Maltin (Lm5000) konsistenti f'danni sofferti mill-konvenut ghar-ragunijiet fuq imsemmija, inkluz l-ammonti pagabbli mill-konvenut lis-socjeta' attrici rikovenuta ai termini tal-fuq imsemmija skrittura, u dana kollu kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjli tat-28 ta' Settembru, 2001, u bl-imghax kontra s-socjeta' attrici illi hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni u jekk tonqos li tidher fil-jum u siegha hawn fuq imsemmija, l-Qorti tiddeciedi skond il-Ligi*."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata Public Broadcasting Services Limited fejn eccepiet is-segwenti:

"*Illi t-talba li s-socjeta' attrici ghandha tigi dikjarata responsabbli ghad-danni kagunati lill-konvenut minhabba ksur da parti ta' l-istess socjeta' attrici ta' l-obbligi kuntrattwali taghha ai termini ta' l-iskrittura private datata 20 t'April, 1999 hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;*

*Illi t-talba li s-socjeta' attrici da parti taghha kisret l-obbligi kuntrattwali taghha ai termini ta' l-iskrittura privata ffirmata*

*bejn il-partijiet kontendenti fl-20 t'April, 1999 hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;*

*Illi t-talba li s-servizzi provduti mis-socjeta' attric rikonvenzjonata skond l-iskrittura hawn fuq imsemmija ma kienux skond ma tirrikjedi s-sengha w l-arti, jew li adirittura ma gewx ipprovduti ghal kollox, hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;*

*Illi s-socjeta' attrici m'ghandhiex tigi kundannata thallas l-ebda somma f'danni lill-konvenut stante li s-servizzi provduti mis-socjeta' attrici lill-konvenut kienu effettivament skond it-termini tal-ftehim hawn fuq imsemmi ffiramt mis-socjeta' attrici w mill-konvenut, u kienu skond is-sengha w l-arti , u ghalhekk l-ahhar talba wkoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*."

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha pprezentat kopja tal-ftehim tal-20 t'April, 1999 immarkat bhala Dok. A u t-tliet invoices imsemmija fir-rikors promotur immarkati bhala Dok. B, C u D rispettivament.

Rat li fit-30 ta' Jannar, 2002 xehed **Eric Vella Bonici** (a fol. 42 et seq.) Manager Finance mal-kumpanija attrici. Dan qal li fl-20 ta' April, 1999 il-kumpanija attrici kienet ghamlet ftehim mal-konvenut fejn kienet inkarigatu jipproduci tmien programmi ghat-televizjoni ta' 240 minuta bl-isem *Basta Mhux Weekend* u l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lis-socjeta' attrici tmien mitt Lira (Lm800) ghal kull programm. Jghid li dan ma thallasx kollu u dwaru saret kawza ohra. Spjega li f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob dak li hu relatat mal-klawsola numru 3 subinciz 2 tal-kuntratt u cioe' "*if the producer requires extra facilites, these shall be at the sole expense of the producer*." Jghid li l-konvenut talab ghal dawn l-extra facilites, inghatawlu u gew addebitati lilu skond l-invoices immarkati B, C u D , izda ma hallasx taghhom. Ix-xhud esebixxa bhala Dok. E u I zewg talbiet li Peter Busuttil ghamel biex jigi provdut il-

links.  Esebixxa wkoll Dokumenti EVB1 sa EVB4 li huma dokumenti relatati mat-talba attrici, w bhala document EVB5 esebixxa statement dettaljat tal-ammont dovut, liema statement jinkludi wkoll ammonti ohra li pero' dwarhom saret kawza separata.  Ikonferma li din it-talba hija limitata ghall-valur tat-tliet invoices B, C u D.

In kontro-ezami qal li l-hlas dovut mill-konvenut skond il-kuntratt, ma jirrigwardax biss il-fatt li l-PBS hallietu jipproduci l-programmi, izda wkoll talli l-PBS kienet tipprovdilu s-servizzi kontemplati fl-artiklu 3 tal-kuntratt. Spjega li d-dokument a fol. 51 tal-process huwa memorandum intern minn fejn jirrizulta li l-links mitluba minn Peter Busuttil fl-20 ta' Marzu, 1999 gew provduti ghall-valur ta' Lm175, dak a fol. 52 huwa t-talba ta' Peter Busuttil biex ikun provdut b'dan il-link, id-dokument a fol. 53 hija talba ohra li l-konvenut ghamel biex jigi provdut b'links ghall-Imgarr Hotel f'Ghawdex, filwaqt li a fol. 54 hemm memo li jindika li dawn il-links gew provduti w fil-fatt kienu jiswew Lm171.93.  Ix-xhud stqarr li ma jafx jekk Peter Busuttil kienx infurmat minn qabel kemm kienu se jiswewh il-links u lanqas jekk kienx hemm xi invoices ohra ghal extra facilities, ghalkemm mill-istatement esebit ma jidhirx li kien hemm, izda zied li kien lest jivverifika.

Ix-xhud zied jghid li hu ma jkunx jaf jekk effettivament il-links sarux, ghax xoghlu hu li johrog l-invoices fuq struzzjonijiet tal-Executive Producer, izda normalment dan jinformah meta l-links ma jsirux u f'dan il-kaz dan ma sehhx u allura hu jassumi li s-servizz inghata.

L-istess xhud rega' xehed fit-3 t'April, 2002 biex jispjega l-ammonti li hemm indikati fl-istatement (fol. 50) u cioe' Lm700 bid-data tal-31 ta' Dicembru, 1998, Lm805 datat 31 ta' Jannar 1999 u Lm854.50 ghat-28 ta' Frar, 1999. Qal li dawn jirreferu ghal-links u ghal servizzi provduti lill-konvenut mill-PBS, bhall-invoices l-ohra li huma kwistjoni ta' din il-kawza.  Qal li l-Credit Note ta' Lm2459.50 datata 31 ta' Marzu, 1999 saret peress li l-PBS kellha taghti lill-konvenut iktar milli kellu jaghti lilha hu, w ghalhekk pacew l-ammonti bejniethom.

Ikkonferma li wara x-xhieda li ta precedentement, ghamel ricerka dwar jekk fil-fatt il-links sarux, u jaf li l-links li taghhom inhargu l-invoices effettivament saru.

**Eric Vella Bonici** rega’ xehed fid-29 ta’ Mejju, 2002 ( fol. 73 et seq.) u ddikjara li Stephen Azzopardi huwa l-Financial Controller tas-socjeta’ attrici w li fl-1999 kellu l-istess posizzjoni. Spjega li l-invoices jinhargu mill-iskrivan addett minn dan ix-xoghol wara li l-Heads of Departments jghaddulu l-memos. Sostna li xoghlu mbaghad hu li jissorvelja l-kontijiet pendenti biex jaghmel mezz li jingabru. X’kien l-involviment personali ta’ Stephen Azzopardi f’dan il-kaz qal li ma jistax jghid, pero’ zied li seta’ jindika min kien l-iskrivan li effettivament hareg l-invoices.

Ix-xhud jighid li l-pagamenti li Peter Busuttil ikun ghamel, kienu jkunu ghall-invoice partikolari. Barra minn hekk inqatghulu xi invoices li kellu pendenti permezz ta’ credit note u tawh id-differenza fi flus, u dan ghax kellhom ituh izjed milli kellu jtihom.

Sostna li sa fejn jaf hu l-konvenut qatt ma lmenta dwar il-kwalita’ tal-links.

Fil-5 ta’ Dicembru 2002 informa lill-Qorti li l-invoices mertu tal-kawza nhargu minn Arthur Galea.

Fit-3 t’April, 2002 xehed ukoll **Costantino Abela** li ddikjara li huwa Chief Engineer mal-PBS u specifikament xoghol hu li jipprovdi l-links ghal min ikun irid jittrasmetti minn bara l-istudjo. Spjega li l-links jinhadmu differenti ghal kull post u li jekk minn dan il-post tidher l-antenna tal-Gharghur ikun hemm bzonn single hop, izda jekk ikun hemm bzonn ta’ link fin-nofs dan jghidulu double hop. Zied li meta jkun hemm bzonn biss single hop jinformaw lil-producer li kollox sew u tinhareg l-invoice, izda meta jkun hemm bzonn double hop, jinformaw lill-producer li se jkunu nvoluti iktar spejjez u aktar nies u jiftiehmu bejniethom.

Qal li fid-dokument EVB3 (a fol. 48) kien qiegħed jinforma lil Peter Busuttil li kien hemm bzonn double links u x’ispejjez kien jinvolvi. Rigward id-dokument EVB4 ( a fol. 49) jghid li din tiffereri ghal-link li kellha ssir minn Portomaso meta kien ghadu qed jinbena w kien jinvolvi li xi haddiema jtellghu il-link fuq it-torri, liema xoghol kien perikoluz u sostna li kieku hu dakinhar kien xoghol zgur ma kienx ihallihom jitilghu. Qal li d-dokument a fol. 54 huwa dwar link minn Ghawdex fejn hu qed jispjega li dan mhux link normali u jinvolvi spejjez ohra bhal trasport u allowance.

Ix-xhud qal li dwar il-links l-iktar li kien jiddiskuti kien mal-assistenti tal-konvenut Yvette Portelli u Marianne Caruana, kien jghidilhom il-prezz u mbaghad huma kienu jgibulu risposta, w hu kien jipprovdi l-links una volta dawn kienu jikkonfermawlu li lesti jhallsu.

In kontro-ezami kompla li meta sar il-link ta’ Portomaso hu ma kienx xoghol u kien ha hsieb l-assistent tieghu, u allura ma setax jikkwota l-prezz ta’ danger money ghax kien wara li sar jaf il-kwalita’ tax-xoghol involut, u cioe’ li l-haddiema kellhom jitilghu gholi t’iktar minn ghoxrin metru. Spjega li d-danger money jinhadem fuq rata kull siegha skond il-collective agreement tal-impjegati. Qal ukoll li t-trasport ghal Ghawdex provdietu l-kumpanija attrici w mar hu stess biex jarma l-link. Spjega li l-link bilfors tinkludi s-sound , pero’ dik mhix parti mis-sezzjoni tieghu izda jaqghu taht Joe Galea.

In ri-ezami x-xhud qal li hu qatt ma ha sehem f’xi production meetings, izda kien ikollu lmenti li l-konvenut dejjem jordna l-links tard, il-Gimgha filghaxija stess.

**Costantino Abela** rega’ xehed fit-3 t’Ottubru, 2002 fejn stqarr li ma jiftakarx fejn kien il-link li rrefera ghalih fix-xhieda tieghu precedenti, pero’ ftakar li biex sar il-link minn Castello Zammitello kien hemm bzonn double hop filwaqt li minn Ghawdex ma kienx hemm bzonn double hop ghax l-antenna tal-Gharghur tidher minn Ghawdex. Zied li Peter Busuttil qatt ma lmenta li l-links provduti kienu ta’ kwalita’ hazina w meta ra d-Dok. AC1 xorta ma

ftakarx dwar xi lment u jekk kien hemm hu jkun irriferih lil Joe Galea.

Sostna li l-kwistjonijiet li kien ikun hemm bejnhom u Peter Busuttil kienu ghaliex hu kien jilmenta li kienu jdumu ma jmorru biex jaghmlu l-link u huma kienu jilmentaw li hu jew kollegi tieghu kien ibiddel il-post diversi drabi.

Ix-xhud kompla jghid li meta jlestu l-link kienu jittestjawh u kif jidhol sinjal tajjeb kienu japprovaw ix-xoghol u meta jkun hemm xi problema jbiddlu l-posizzjoni sakemm ikollhom sinjal tajjeb, ghaldaqstant ma setax ikun li jkun hemm hemm reception hazina tal-link, izda stqarr li seta' kien hemm problema fl-audio. Insista li l-links li nghataw lill-konvenut kollha gew ittestjati w allura zgur li ma setax ikun hemm ilmenti. Barra minn dan ikun hemm ukoll il-Presentation Officer tal-PBS jissorvelja dak li jkun hiereg mill-istazzjon. It-tliet persuni mpjegati f'din il-kariga huma Karmenu Brincat, Edwin Debono u Joe Saliba. Sostna li dwar overtime li jithallas jiehu hsieb Joe Galea.

Jikkonferma li kien hemm spejjez zejda ghax kien hemm bzonn ta' double hop, minhabba trasport ghal Ghawdex u meta link tkun se ssir minn post perikoluz jintbaghtu zewg haddiema flok wiehed u jidhol ukoll danger money skond il-Collective Agreement.

Fit-13 t'Ottubru, 2010 rega' xehed **Costantino Abela** li kkonferma li bejn is-sena 1998 u 1999 kien jokkupa l-kariga ta' Head of Technical Services mal-PBS u ftakar li kien jipprovdi microwave links ghall-programm Basta Mhux Weekend biex issir trasmissjoni diretta waqt il-programm. Qal li huma kienu jitolbu lill-producer biex javzahom jumejn qabel fejn kien se jsir il-programm, u mbaghad huma kienu jmorru, jsibu post addaddat u jarmaw l-apparat fuqu, basta li minn dan il-post tkun tidher l-antenna tal-Gharghur. Ma ftakarx li Peter Busuttil qatt qallu li ma kinux qed ituh servizz tajjeb jew li lmenta dwar trasmissjoni. Qal li ma kienx prezenti waqt il-link t'Ghawdex, izda kien prezenti meta ghamlu t-test u ramaw jumejn qabel u rrizultalu li l-link seta' jsir.

Spjega li normalment in-nies inkarigati mill-produzzjoni jiehdu maghhom il-cameras u l-microphones relattivi, izda meta l-producer fil-gurnata tal-filming jipprovdi film ikbar minn dak miftiehem, ma jkunux jistghu jaqduh. Sostna li Peter Busuttil gieli bidlilhom il-post ghax ma kienx joghgbu fejn ikunu ghazlu huma. Stqarr li kien hemm problema ghal-link minn Portomaso, peress li dan kien ghadu qed jinbena w jaf li kienu nvoluti xi danger money.

Jaf lid dwar il-link t'Ghawdex kien hemm problema fis-sens li Busuttil kien ilmenta dwar nuqqas ta' microphones, pero' qal li dak jaqa' taht dipartiment iehor, pero' zied li dakinhar hu ma kienx hemm. Spjega li video amplifier u distribution amplifier huma l-istess haga w dejjem kienu johduhom maghhom, u zied li f'dan it-tip ta' links generalment jintuzaw zewg microphones. Qal li hu m'ghandux x'jaqsam mas-set. Gie muri d-dokument a fol 168 tal-atti w ikkonferma li qatt ma rah qabel. Sostna li problemi ma jkunx hemm fil-programmi ta' Busuttil biss. Irrepeta li ghalkemm generalment huma kienu jinstallaw il-link jumejn qabel, Peter Busuttil gieli kien ibiddel il-post fl-ahhar moment, bhal per ezempju l-Gimgha filghaxija meta l-programm ikun is-Sibt wara nofsinhar.

In kontro-ezami sostna li huwa mpossibbli Peter Busuttil kien jiehu t-telephone set tieghu mid-dar u dan ghaliex telephones fl-istudio kien hemm tnejn zgur, pero' jekk huwa ried it-tielet wiehed dik tkun storja ohra. Sostna li meta Peter Busuttil kien jitolbu l-link lejliet, xorta kienu jinhadmu sew ghalkemm b'izjed spejjez minhabba l-overtime li hu kien javzah bih u Busuttil kien jaghtu l-go ahead. Spjega li Busuttil kien jinqeda bil-links waqt il-programm u meta kien jghidilhom li spicca l-uzu tal-links, huma kienu jibdew izarmaw. Pero' cahad li Peter Busuttil kien jitlob il-links u ma kinux jinghatawlu. Sostna li l-link minn Castello Zamitello ma sarx ghax kien jinvolvi spejjez kbar.

Costantino Abela kompla jixhed fid-9 ta' Novembru, 2010 u kkonferma li fit-torri ta' Portomaso kien hemm worksmen's lift u li l-haddiema taghhom uzawh. Pero' huma xorta hassew li kellhom ituhom danger money

ghaliex telghu fuq il-bejt meta dan ma kellux opramorta u l-bejt kien perikoluz ghalkemm ma kienx gholi daqs kemm hu llum. Qal li biex il-link jizzarma, jitnizzel u l-haddiema jmorru lura x-xoghol tiehu xi siegha, siegha w nofs. Mistoqsi kif allura l-programm spicca fis-sitta w il-haddiema klokkjaw fis-sitta w nofs, qal li l-links jizzarmaw l-ghada, filwaqt li jintramaw jumejn qabel.

Sostna li x-xoghol tal-links m'ghandu x'jaqsam xejn max-xoghol li jsir dakinhar tal-filmat. Mistoqsi kemm idumu biex izarmaw wara programm, bhal microphones u armar iehor li mhux links, qal li dawn ma jdumux aktar minn nofs siegha. Qal li meta jkun hemm hsara f'link, jew imorru jgibu link ohra jew il-haddiema hemmhekk icemplu lil min ikun stand by, izda meta tieqaf waqt link up mhux se tilhaq tiehu provediment dak il-hin stess. F'certi programmi li jkunu jaharqu, qal, ikun hemm zewg links, li jinvolvu iktar flus, pero' dan il-kaz ma kienx hemm zewg links.

Is-Sur Abela qal li ma jafx li jinghata xi kumpens ghax link ma tkunx tajba, jew inkella ma jafx bihom hu. Skond hu minn Castello Zammitello ma kienx hemm microwave link ghax kien hemm problema serja, ghalkemm jista' jkun li saret mod iehor, ghalkemm ma jafx li saret double hop link. Qal li xoghlu kien li jmur jara postijiet difficli, pero' f'dan il-kaz ma jiftakarx li mar. Cahad li jaf bl-ittra li Peter Busuttil baghat lis-CEO li ma kienx kuntent bis-servizz u dwar memos ma jaf xejn lanqas.

Fit-3 ta'April, 2002 xehed ukoll **Joe Galea** (a fol. 62 et seq.) Executive fil-Production tal-PBS. Spjega li link tfisser li l-PBS tipprovdi apparat biex isiru trasmissjonijiet minn barra l-istudios tramite l-antenna tal-PBS. Dan l-apparat jinkera lil min jehtiegu. Jghid li skond il-kuntratt Peter Busuttil kien intitolat ghal dawn il-links izda meta jitlob links extra kien obbligat li jhallas taghhom. Sostna li Busuttil dejjem uza l-link li kien intitolat ghaliha w ghal perjodi twal ha wkoll links extra.

Esebixxa prospett dettaljat tal-links provduti li giet mmarkat bhala Dok. JG1. Jghid li meta l-konvenut kien jordna l-links hu kien jipprovdihomlu wara li l-konvenut

jikkonferma li kien lest ihallas. Gharaf id-dokumenti E u I bhala ittri ndirizzati lilu minn Busuttil biex jordnalu links. Wara li kien ikollu l-konferma tal-hlas, kien jipprovdi l-links u jaghti memorandum lill-Executive Finance biex johrog l-invoice relattiva. Ikkonferma li l-memorandum tad-29 ta' Marzu, 1999 inhareg minnu. Kompla jispjega li meta jkun hemm bzonn double hop jinhareg kont iehor mill-Engineer Costantino Abela. Qal ukoll li l-apparat inkera bir-rata pubblikata mill-PBS ta' Lm175 ghal kull link bhal ma jinkera lil kull klijent iehor.

Sostna li Peter Busuttil qatt ma lmenta mieghu dwar is-servizz li kienu jipprovdulu, ghalkemm ftakar li f'Mejju 1999 kien kitiblu ittra ta' lmenti, li esebixxa bhala Dok. JG2, izda wara li nvestiga l-ilmenti sab li ma kinux jirrigwardaw il-links li fuqhom hi din il-kawza. Esebixxa Dok JG3 li hija ordni ghal-links mill-konvenut fi Frar 1999 bil-prezz ridott li kienu tawh ta' Lm140.

Qal li ma jafx jekk il-links thallsux jew le.

**Joe Galea** riprodott in kontro-ezami fit-3 t'Ottubru, 2002 u pprezenta dokument JG4 li hija t-talba li saritlu biex jipprovdi l-link fil-15 ta' Mejju, 1999. Inoltre esebixxa bhala dokument JG5 l-*attendance sheet* li turi li John Agius kien dahal biex jaghmel dan ix-xoghol u Dok. JG6 li hija l-*overtime authorization form* biex dan jithallas.

Isostni li d-Dok. JG3 huwa rilevanti ghaliex jipprova li Peter Busuttil kien jaccetta li l-links isiru bil-prezzijiet miftehma u ghalhekk il-links gew provduti lilu. Spjega li meta kien ikun hemm bzonn biss ta' link wahda, ma kinitx mehtiega '*request*', u zied li hu kien jesigi '*request*' meta tintalab xi haga iktar minn dak li huma kienu marbutin li jipprovdu skond il-kuntratt. Sostna li d-dokument AC1 qatt ma gie a konjizzjoni tieghu.

Dan rega' xehed fit-12 ta' Frar, 2003 u qal li l-link tal-15 ta' Mejju, 1999 minn Portomaso intemmet fis-sebgha ta' filghaxija u dan jirrizulta mid-Dok. JG5 u allura mhux minnu li l-link tnehhiet qabel ma spicca l-programm.

Pero’ mbaghad spjega li d-Dok. JG6 jindika li ghalkemm l-overtime ikun gie awtorizzat sas-sebgha, dan ma jfissirx li l-link ikun dam sa dak il-hin, izda ghax il-haddiem hu awtorizzat idum sa dak il-hin.  Fil-fatt huwa Dok. JG5 li jindika l-hin ezatt meta John Agius spicca x-xoghol fuq il-link u dan kien fis-sitta u wiehed u tletin minuta.  Qal li l-clocking isir fil-PBS.

Kompla jispjega li fil-fatt John Agius huwa cameraman li wkoll huwa necessarju biex tohrog il-link, u ghalhekk huwa ghamel referenza ghal kemm dam xoghol il-cameraman biex jghid kemm damet il-link u dakinhar John Agius kien xoghol biss ghal Basta Mhux Weekend. Cahad li Busuttil ilmenta mieghu li Agius mar tard jew telaq qabel minn fuq ix-xoghol.  Specifika li fil-15 ta’ Mejju, 1999 Agius beda xoghol ghal Basta Mhux Weekend fin-nofs siegha.

Sostna li x-xoghol li sar ghal Peter Busuttil kollu sar b’mod metikoluz, u dan anke f’dak li jirrigwarda dokumenti relattivi ghal-links.

Rigward il-link tal-1 ta’ Mejju, 1999 minn Castello Zammitello, din kienet skond il-kuntratt u allura ma kienx hemm spejjez zejda w dan jidher mid-Dok JG7 u JG8 esebiti minnu seduta stante.

Ikkonferma li s-servizz moghti lil Busuttil dejjem kien dak mixtieq minnu w qatt ma rcieva lmenti dwaru.  Qal li ma’ Busuttil il-PBS kienet ftehmet rati inqas milli taghti s-soltu.

Fit-12 ta’ Frar, 2003 xehed **Arthur Galea** (a fol. 98) Accounts Executive mal-PBS.  Dan qal li ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-programm ta’ Peter Busuttil “*Basta Mhux Weekend*” hu kien jircievi d-dokumenti relattivi minghand il-kap tal-produzzjoni Joe Galea, u wara li jkollu l-approvazzjoni tal-Financial Controller hu kien johrog il-kontijiet.

Jaf li Busuttil kien jigi addebitat b’zewg modi, wiehed skond kuntratt li kellu mal-PBS u l-iehor skond invoices partikolari ghal xoghol iehor.  Ghal dak li jirrigwarda l-

kuntratt kien ghamel zewg pagamenti, izda tal-invoices separati ma hallas xejn sa fejn jaf hu u wara li ghamel il-verifiki necessarji.

Fis-7 ta’ Lulju, 2004 xehed il-konvenut **Peter Busuttil** li qal li l-link indikata fl-invoice bid-data tal-31 ta’ Mejju, 1999 tirrigwarda double hop transmition minn Castello Zamitello w zied jiccara li kull meta jordna link hu dejjem ihallas taghha sakemm tiffunzjona tajjeb u hu jkun moqdi. Spjega li hu kien jordna link ghat-tul kollu tal-programm Basta Mhux Weekend, cioe’ sas-sitta ta’ filghaxija. Dan il-programm beda jixxandar f’Ottubru 1998 u baqa’ sejjer sa Gunju 1999 u kien ikollu bzonn ta’ links regolarment. Jghid li dejjem is-socjeta’ attrici pprovdiet il-links u li dejjem kien ikun hemm xi nuqqasijiet.

Rigward il-link minn Castello Zammitello jghid li dan ma bediex jahdem sew sa mill-bidu nett tal-programm u dan ghaliex l-impjegati tal-PBS kienu tard, bhas-soltu, fil-fatt jghid li l-haddiema tieghu u l-prezentaturi kienu jkunu fuq il-post siegha qabel u dejjem kien ikollhom jistennew lill-haddiema tal-PBS. Jghid li fil-kaz ta’ Castello Zammitello ried link ghat-tul kollu tal-programm ghaliex kien qed jitrasmetti tieg u kellu bzonn li l-link tkun tahdem, pero’ ma kienx hekk, u jghid li skond hu dan in-nuqqas kien rizultat ta’ nuqqas ta’ komunikazzjoni bejn id-direttur u min kien qed imexxi l-link u minhabba nuqqas t’apparat. Zied li din kienet haga li ssehh regolari ghaliex ghad li lill-haddiema tal-PBS kien ihallashom hu, dawn ma kinux ikunu f’posthom u sakemm jinstabu l-hin opportun ghal-link ikun intilef.

Spjega li f’dan il-kaz kien importanti li l-link jinghatalu fil-mumenti saljenti tat-tieg, bhal qsim tal-kejk. Barra minn dan peress li l-programm jispicca fis-sitta, kien programmat li hu (x-xhud) jilhaq jasal fil-post tat-tieg biex jaghlaq il-programm mal-gharajjes. Jghid li wasal hemm xis-sitta neqsin ghoxrin jew neqsin kwart, izda kien mar ghalxejn ghax tal-PBS kienu diga’ zarmaw il-link. Jghid li ghal din ir-raguni hu ma hallasx l-invoice relattiva.

Jghid li dwar dawn it-tip ta’ nuqqasijiet huwa ghamel diversi lmenti kemm verbalment kif ukoll bil-miktub lid-direttur tal-PBS, ghalkemm ilmenti bil-miktub f’dan il-kaz partikolari m’ghamilx. Ikompli li hu cert li anke ma’ Joe Galea w Constantino Abela kien ilmenta, izda meta ra li ma kien qed jasal imkien ma baqax jikteb. Esebixxa ittra miktuba lilu minn Sylvana Cristina f’isem il-PBS fejn hi stess tirreferi ghan-nuqqasijiet da parti taghhom, liema ittra giet immarkata PB1.

Jispecifika li Joe Galea kien is-superjur tad-direttur li kien jiehu hsieb il-programmi tieghu, u allura ma jistax jifhem kif l-ilmenti li ghamel lid-direttur is-Sur Galea ma jafx bihom, meta suppost li d-direttur ghaddihomlu. Apparti hekk jghid li lil Joe Galea w lil Costantino Abela kellimhom personalment. Ix-xhud jghid li hu kien jahdem spiss mal-PBS u allura kien jikkomunika kostantement mad-diretturi w mas-superjuri kollha. Jsostni li ma hallasx l-invoice ghax kien l-uniku mezz biex jipprova jnaqqas it-tfixkil u d-difetti.

Meta jitkellem dwar l-invoice numru 250 tal-31 ta’ Mejju, 1999 rigward trasmissjoni minn Portomaso jghid li meta rcieva l-invoice ma kienx jaf l-extra expenses x’inhuma, w’kien fil-mori tal-kawza li sar jaf li dawn jirreferu ghal danger money tal-haddiema. Spjega li huwa cert li biex twahhlet il-link fuq it-torri ta’ Portomaso ntuza worksmen lift maghluq minn kullimkien u ma kienu nvoluti l-ebda danger money. Il-konvenut jghid li lanqas mal-overtime ma jaqbel ghaliex jghid li skond hu mhux possibbli li wiehed izarma l-link minn fuq it-torri, jghabbih fil-van u jkun il-PBS fis-sitta w wiehed u tletin minuta meta l-programm jispicca fis-sitta. Jghid ukoll li anke fil-kaz ta’ Portomaso, l-link ma kinux ituhielu meta jitlobha hu. Izid li hu qatt ma gie nfurmat li kien se jkun hemm xi charges ta’ danger money jew overtime.

Dan jerga’ jinsisti dwar meta rega’ xehed fis-seduta tal-11 ta’ Mejju, 2005 u jghid li lanqas bl-ispejjez zejda ghal link minn Ghawdex ma kien jaf ghax hadd ma qallu xejn dwarhom qabel. B’referenza ghal-link minn Portomaso jghid li hu qatt talab li ssir minn xi post ta’ periklu mhux

tas-soltu w jghid li hu jirrifjuta li jhallas dawn il-flus ghaliex il-haddiema setghu uzaw il-worksmen's lift li kien hemm disponibbli, w ikompli li lanqas mhu veru li kien hemm bzonn ta' extra handymen.  Ried jippreciza li l-link ma tikkonsistix biss mit-twahhil tal-apparat, izda li jkun hemm sorveljanza mill-haddiema tal-PBS il-hin kollu biex l-istampa tasal cara.  Ilmenta li gieli kien hemm sitwazzjonijiet fejn peress li l-programm tieghu kien live, tithaddem il-camera live, pero' dan ma setax isir ghaliex jew il-haddiema tal-PBS ma jkunux f'posthom jew ghaliex il-power supply kien ikun mitfi, w anke cirkostanzi ohrajn meta avolja l-haddiema jkunu f'posthom u l-apparat mixghul, it-trasmissjoni ma tkunx sodisfacenti, w drabi ohra bhal Castello Zammitello meta ried jaghlaq b'link u l-haddiema kienu diga' zarmaw.

Rigward il-link minn Ghawdex jghid li l-haddiema tal-PBS hadu l-wires izda ma hadux microphones u l-apparat necessarju biex jitrasmettu s-sound.  Jghid li ghal kull link huwa jkun gab sponsor, fil-kaz t'Ghawdex kienet id-ditta Cosmoline, fejn hu jkun weghdhom li jistghu jaghmlu uzu mil-link biex jirreklamaw il-prodotti taghhom.  Jghid li minhabba n-nuqqasijiet tal-PBS dawn setghu juzaw il-link ghal hin tassew ristrett.  Il-konvenut zied li meta hu jkun ftiehem mal-PBS dwar link, hu jippretendi li l-link tkun disponibbli mill-bidu sat-tmien tal-hin stipulat u li l-haddiema tal-PBS ikunu disponibbli wkoll tul il-hin kollu, izda fil-fatt dawn kienu jitilqu qabel.  Huwa jghid li Costantino Abela mhux f'qaghda li jghid li kull darba li hu (il-konvenut) talab link kollox kien ghas-sodisfazzjon tieghu.

Dwar il-link mill-Gateway Diner jghid li l-ilment tieghu hu li l-haddiema telqu, jew ma kienux lesti jtuh il-link fil-hin li riedu hu, u barra minn hekk hu mhux kuntent li ntalab ihallas ghal spejjez zejda.  Jerga' jirreferi ghal-link mill-Imgarr Ghawdex u jghid li bhala rizultat li l-PBS ma pprovdewx microphones, l-isponsor irrifjuta li jhallsu, nonostante li tah skont ta' hamsin fil-mija (50%) u hawn esebixxa zewg invoices PBZ1 u PBZ2.  Jghid li barra minn hekk dawn ma baqghux klijenti tieghu, peress li ma tahomx servizz tajjeb, ghalkemm ghadhom jirriklemaw fuq

it-televizjoni fi programmi ohra. Jichad dak li qal Costantino Abela dwar transport ghal Ghawdex, u jinsisti li t-trasport hu pprovdieh. Imbaghad isemmi l-link mic-Cittadella fejn il-PBS ukoll talbet hlas ghal spejjez zejda, li pero’ hu jghid li ma jafx x’inhuma. Di piu’ jghid li dwar din il-link hu ghandu hafna lmenti bhal per ezempju li l-camera kienet difettuza. Spjega li ghal dik il-link l-isponsors kienu Sterling Jewellers li wkoll baqghu ma hallsuhx minkejja li tahom skont ta’ hamsin fil-mija, w l-istess bhal Cosmoline ma baqghux klijenti tieghu.

Sussegwentement kompla jixhed nhar is-26 t’Ottubru, 2005 w beda billi qal li l-PBS kienu jinfurmawh bl-istandard charges u hu kien jaccettahom, u jzid li hu mhux jilmenta dwar dawn izda dwar l-ispejjez zejda li rcieva fl-invoices relattivi w li f’diversi okkazjonijiet il-links ma sarux kif suppost. Rega’ spjega kif tithaddem link, u qal li l-ilmenti tieghu mhumiex dwar meta link tigi armata, izda dwar kif tigi operata. Rega’ semma’ n-nuqqas tal-apparat tas-sound ghal-link t’Ghawdex u sakemm hu sab apparat alternattiv, il-hin tal-link kien skada. Innega dak li qal Costantino Abela li hu kien ipprepara ghas-sound, u dan ghaliex mhux l-accessorji kollha kienu hemm. Ikkonferma li gieli kien hemm kazijiet fejn il-link ma setghetx issir u kellu jinbidel il-post, u zied li gieli Costantino Abela kien jibdel il-post hu w jinforma lilu wara li l-post kien ghazel hu (x-xhud) ma kienx idejali. Ghalkemm jghid li hu mhux dejjem kien ikun prezenti ghall-istallazzjoni tal-link, skond hu l-PBS ma kienx ikollhom control *box tajba* biex josservaw hekk hix tahdem, u allura ghalhekk hafna drabi kien ikun hemm *reception* hazina.

Jispjega li dwar dawn in-nuqqasijiet huwa dejjem kien jaghmel ilmenti formali lid-Direttur tal-programm ingaggjat mill-PBS u hu kien jistenna li l-PBS kienu jmexxu l-ilment man-nies teknici taghhom biex jippruvaw itejbu s-servizz. Jghid pero’ li hu ma kienx joqghod jikteb biex jilmenta ghaliex suppost il-PBS tkun qeghda timmoniterja l-programm u suppost li tinduna wahedha bil-kwalita’ teknika hazina. Min-naha l-ohra jghid li meta xi haga li jkollu kontroll fuqha hu ma kinitx tohrog sew, il-PBS kienet tigbidlu l-attenzjoni.

Jghid li d-Director of Programs kien ivarja, gieli kien Charles Callus, gieli Anton Grasso w anke nies ohra, pero' hu kien jilmenta verbalment anke mac-Chief Executive Albert Marshall kif ukoll ma' Joe Galea. Jghid li hu jidhirlu li wara li jkun ilmenta dwar is-servizz, ma kellux jigi addebitat tieghu.

Qal li ghalkemm hu minnu li l-PBS ikunu ssettjaw il-link minn qabel, gieli anke jumejn qabel, imbaghad ma kinux isegwu jekk il-link baqghetx tajba sakemm jigi trasmess il-programm, u anke waqt il-programm stess il-link jista' jigi disturbat minn affarijiet li ma jkunux fil-kontroll tal-PBS, imma suppost li jkollhom apparat bhal distribution amplifier u video amplifier, biex ikunu jistghu isegwu w allura l-interferenza tkun tista' tigi rizolta. Jilmenta li meta link ma tahdimx sew, il-programm tieghu kien jithassar u dan jaffettwa anke r-reklamar li jsir b'mod dirett fuq il-post. Jghid li biex jaghmel dawn il-programmi huwa kien jaghmel investiment kbir mill-mezzi personali tieghu. Barra minn hekk isostni li meta link ma tahdimx, hafna nies ikunu dizappuntati, fosthom l-isponsors, li effettivament baqghu ma hallsuhx.

Jghid li ghandu lmenti mhux biss dwar il-links, izda anke dwar l-operat tal-PBS meta kien jitrasmetti direttament mill-istudio b'mod partikolari dwar kif jitmexxew l-ordnijiet minn settur ghall-iehor, fis-sens li kollox jiehu fit-tul. Jispjega li skond il-kuntratt ta' bejniethom, il-PBS kienu obbligati li jarmawlu s-set, u jghid li ghalkemm dan kien isir, il-haddiemu kienu jikkawzawlu hsarat f'accessorji zghar tas-set, u allura beda jhallihom jarmaw l-affarijiet il-kbar u l-accessorji zghar kellu jibda jiehu hsiebhom hu, u dan biex jibza' ghas-sett li wara li jintemm il-programm kellu jkun ritornat lis-supplier. Izid li l-PBS lanqas microphones bizzejjed ma kellhom, u kellu jissupplixxihom hu, kellu jaghmel editing ghal rasu ghax ma kellux opportunita' li juza l-hin allokat ghalih ghax dejjem kien isib xi ntopp u kien jissupplixxi bozoz tal-wattage approprjat ghaliex dawk provduti mill-PBS kienu jkunu hziena. Ikompli li minhabba n-nuqqasijiet fl-istrutturar tal-

PBS kellu jutilizza filming minn terzi persuni a spejjez tieghu.

Jikkonferma li hu kien jilmenta kontinwament kemm mad-diretturi w anke mal-haddiema tal-PBS li whud minnhom imbaghad ma baqghux impjegati mal-PBS, b'mod partikolari dwar l-atteggjament taghhom. Jghid li mill-esperjenza tieghu jaf li f'dan il-pajjiz hawn certi limitazzjonijiet, pero' xorta jghid li b'iktar dixxiplina hafna affarijiet jistghu jitrangaw. Isostni li llum il-PBS stess irrikonoxxew il-limitazzjonijiet tal-istudios taghhom ghax qed juzaw studios ohra.

**Peter Busuttil** rega' xehed fis-26 ta' Jannar, 2006 u qal li minn zmien ghal zmien il-Gvern jahtar Task Force biex tirraporta dwar il-lat operattiv tal-PBS. Ipprezenta kopja ta' wiehed minn dawn ir-rapporti li kien prezentat fil-Parlament fis-sena 2000, immarkat bhala Dok. X. Isemmi certi punti minn dan ir-rapport li skond hu huma rilevanti ghall-kaz tieghu.

Meta rega' xehed fil-15 ta' Gunju, 2007, il-konvenut rega' spjega li dak li qed jitlob jirrigwarda l-iffilmjar tal-Programm Basta Mhux Weekend li ntwera fl-istagun 1998-1999. Dan kien programm ta' erba' sieghat mill-istudio ta' PBS li kellu wkoll links esterni live bil-camera w bis-sound, u kellu sitt prezentaturi w live band u kien jintwera kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.

Jghid li hu qed jitlob danni dwar erba' links partikolari cioe' tal-Imgarr Hotel, mic-Cittadella, minn Castello Zammitello w minn Portomaso, li tnejn minnhom kienu sponsorizzati, cioe' dak tal-Imgarr mill-Cosmoline, u dak tac-Cittadella minn Sterling Jewellers. It-tnejn l-ohra kien sponsorizzati minnu stess bhala produzzjoni. Rega' spjega li f'dawn il-links is-servizz provdut ma kienx kif suppost u l-hin ukoll kien inqas minn dak miftiehem. Jghid li z-zewg links sponsorizzati hargu hazin tant li l-isponsors ma hallsux ghalihom. Jghid li fi programm bhal dak, l-isponsors ikunu package ghal stagun, u hekk kien fil-kaz tal-Cosmoline, li l-package taghha kien jiswa elfejn u tliet mitt Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2300.50). Sterling Jewellers kienu

sponsors ghal-link ta' Citaddella w ghal dan is-servizz suppost kellhonm ihallsu hames mitt Lira Maltin (Lm500). Jghid li minhabba n-nuqqasijiet fil-links, Cosmoline u Sterling Jewellers ma baqghu klijenti tieghu, ghax hu tilef il-kredibilita' tieghu maghhom, u t-tnejn li huma baqghu ma hallsuhx.

Ikompli jghid li sofra wkoll danni fis-sett li kellhom fil-PBS, konsistenti f'ghamara tas-salott. Spjega li l-kuntratt mal-PBS jinvolvi li l-haddiema tal-PBS jarmawlu w izarmawlu s-set li fi programm bhal tieghu ikun kemm xejn kbir. Kompla jispjega li dan ikun gie misluf lilhom minn xi sponsor u jinghatalu lura wara li jispicca l-programm. F'dan il-kaz is-set kien issllef lilhom minghand l-Orienta. Ilmenta li xi oggetti mis-sett kienu jew jonqsu jew jixxellfu, w ghal din ir-raguni meta rega' mar jitlob sponsorship iehor lill-Orienta din ma tatux. Imbaghad kienu ftehmu li kellu jqabbad nies hu biex jarmaw u jzarmaw is-set a spejjez tieghu, wara l-programm, u dan ghal xi sittax-il programm.

Semma kwistjoni ohra dwar id-dawl u s-sound. Qal li meta f'Ottubru tal-1998 il-PBS qabbditu biex jaghmel dan il-programm, kienet ukoll thallsu biex jaghmlu kif jidhirlu hu. Qal li minn dejjem kienu jafu li hemm sitt prezentaturi, li kien hemm bzonn pjanu akustiku fl-istudio w li s-set kellu jkun imdawwal sew. Ilmenta li kellu jipprovdi hu stess extra sound equipment li swieh sitt mitt Lira Maltin (Lm600) eskluz il-VAT. Jghid ukoll li l-pjanu baqa' qatt ma wasal ghalkemm kienet skambjata korrispondenza dwar dan, u ghalkemm kienu jinhtiegu zewg linji telefonici, ghamlu disa' xhur b'wahda biss. Rigward id-dwar jghid li dan kien ta' kwalita' inferjuri minn dak rikjest ghall-programm tieghu.

Jghid li ghandu wkoll ilment dwar work practices, li m'humiex kwantifikabbli u semma t-time sheets u l-hinijiet li jispiccaw il-haddiema, u l-crew li ma jkunx f'postu w li dejjem kienu jitilqu minn fuq il-post qabel il-hin jew jigu tard ghall-programm.

Il-hames ilment tieghu jirrigwarda l-links hziena li nghata w trattament diskriminatorju fil-konfront tieghu mill-PBS, kif jirrizulta mid-dokumenti Z, Z1 u Z2 esebixi minnu seduta stante.

Jghid li dan kollu kien ta’ hsara ghall-kredibilita’ tieghu.

Esebixxa dokument immarkat Z3 li huma n-notamenti li hu ghamel referenza ghalihom waqt ix-xhieda tieghu.

Huwa rega’ xehed fil-21 ta’ Jannar, 2010 u ghamel referenza ghad-dokument Z3 ipprezentat minnu a fol. 153, partikolarment ghal-link minn Imgarr Hotel, minn Cittadella, minn Castello Zammitello w minn Portomaso, kif ukoll ghall-invoices prezentati mill-PBS bhala BC13. Jikkummenta li minkejja l-problemi kollha, xorta tawh l-incoices biex ihallas taghhom, izda hu ma hallashomx ghax ma kienx sodisfatt bis-servizz, b’mod partikolari fil-kaz ta’ l-Imgarr Hotel u Cittadella fejn ma nghatax servizz fil-konfront ta’ socjeta’ kummercjali. Rega’ semma d-danni li sofra rigward Cosmoline u Sterling Jewellers.

Stqarr li dokumentazzjoni tal-1996 m’ghandux. Esebixxa dokument relatat ma’Cosmoline datat 31 ta’ Dicembru 1999 immarkat bhala Dok. Z, u iehor immarkat Dok. Z2. Esebixxa invoice ohra bhala Z3 fl-ammont ta’ Lm598.

Rega’ spjega wkoll kif saru l-hsarat fis-sett minhabba n-nuqqas t’attenzjoni tal-haddiema tal-PBS. Semma wkoll il-kwistjoni tal-pjanu li qatt ma wasal fl-istudio ghalkemm sarulu bosta weghdiet f’dan ir-rigward. Esebixxa kopja ta’ dokument mahrug minn Brincat Piano Centre li juri r-rata ta’ hlas li biha jinkera pjanu. Dan gie mmarkat bhala Z4. Ghal darb’ohra rega’ semma’ l-fatt li l-PBS ma pprovdietx microphones bizzejjed ghall-prezentaturi kollha w li kellu jgib sound addizzjonali. Ghal dan il-ghan qal li kien lest li jtella’ lil Manolito Galea biex jikkonferma c-cifra approssimattiva ndikata a fol. 155 tal-process.

Semma’ wkoll il-fatt li l-haddiema tal-PBS kienu jwahhlu dawl (bozoz) iktar baxx minn kif suppost a detriment tal-programm tieghu.

Fid-19 t'April, 2006 xehdet **Romina Hansford Genuis** ko-prezentatrici ma' Peter Busuttil fil-programm Basta Mhux Weekend, li tieghu kien ukoll Producer. Tispjega li l-programm kien jigi rekordjat kemm mill-istudio kif ukoll minn barra, w hi iktar kienet tkun barra milli gewwa. Tghid li kienet prezenti ghal-links ta' Castello Zammitello, Portomaso w tac-Cittadella f'Ghawdex.

Tiftakar li l-link tac-Cittadella ma kinitx hadmet tajjeb u fil-fatt inqalghu hafna kwistjonijiet mal-isponsors dwar dan, u fost hafna problemi li nqalghu kien hemm problemi bis-sound. Ftakret ukoll li l-isponsors dakinhar kienu Sterling Jewellers u li d-Direttur kien certu Mr. Fenech li kien urtat hafna ghaliex ix-xandira ma kinitx qed tirrispekkja dak miftiehem mal-producer.

Dwar il-link ta' Portomaso tghid li meta saret il-link dan ma kienx kompletat u allura peress li l-area kienet kbira kellhom izarmaw u jmorru minn post ghall-iehor u l-process biex gew stabbiliti l-links ha iktar fit-tul, u taf li minflok sitt links provdewlhom erbgha. Taf li kien hemm lift li ntuza wkoll mill-haddiema w skond hi ma kienx hemm nuqqas ta' sigurta'. Semmiet li riedu jaghti mpressjoni tal-gholi tat-torri ta' Portomaso w biex jaghmlu dan kellhom bzonn camera li titla' go lift tal-elettriku provizorju, pero' l-ebda cameraman tal-PBS ma ried jiehu dan ir-riskju. Tghid li l-programm kien jibda b'link biex jintroduci l-prezentaturi li jkunu barra w il-post minn fejn se jitrasmettu u suppost li kellu jkun l-istess fl-eghluq, pero' dejjem kienet tinqala' xi problema bhal sound li mhux diehel sew, jew il-link ma tkunx lesta. Tghid li gieli kienu jispiccaw qabel ghaliex il-crew kienu jkunu jridu jzarmaw. Tkompli li l-crew kienu jkunu wkoll riluttanti biex igorru l-apparat minn post ghall-iehor skond il-bzonn. Dwar il-link ta' Castello Zammitello tghid li ghalkemm kienet prezenti, ma kinitx qed tipprezenta hi w allura ma tantx tiftakar dettalji. Tghid li Peter Busuttil gieli kien jilmenta maghha fis-sens li ma jkunux lesti ghal-link, pero' hi kienet tghidlu li dan ma kienx min-naha tal-prezentaturi izda min-naha tal-PBS li ma kinux jagevolawhom.

Imbaghad titkellem dwar il-Jazz Festival ta’ l-1998 fejn hi kienet tintervista n-nies qabel il-festival u tiehu hsieb li l-filming ikun fl-ordni.

Ix-xhud **Romina Genuis** regghet xehdet fl-20 ta’ Mejju, 2010 u ddikjarat li hi tahdem bhala facilitator u prezentatrici. Tghid li hi kienet ko-prezentatrici fil-programm Basta Mhux Weekend. Ikkonfermat li kienet involuta fiz-zarmar tas-sett wara kull programm, u qalet li kienu jdumu xi tliet kwarti jzarmaw, ghalkemm dan ix-xoghol ma kellux x’jaqsam max-xoghol taghha ta’ prezentatrici izda kienet taghmlu b’rispett lejn Peter Busuttil. Tikkonferma li dan ix-xoghol ghamlitu wara kull programm ghal disa’ xhur shah.

Ftakret ukoll li pjanu fuq is-sett ma kienx hemm u anke li kien hemm dawl provdut minn Nexos Lighting. Mistoqsija jekk hadmitx bhala prezentatrici fi programmi ohra, wiegbet fl-affermattiv, izda sostniet li fi programmi ohra qatt ma zarmat sets.

Fl-20 ta’ Mejju, 2010 xehed **Manolito Galea** li kkonferma li xoghlu huwa li jipprovdi servizz ta’ sound u kkonferma li jiftakar il-programm ta’ Peter Busuttil Basta Mhux Weekend. Ftakar li kien krielu xi cordless microphones biex jintuzaw ghal dan il-programm, ghalkemm ma ftakarx ghal kemm-il programm. Jghid li hu thallas ta’ dan is-servizz, izda dokumentazzjoni dwar dan m’ghandux ghaliex ilu aktar minn hames snin. Jghid li sa fejn jaf hu kien zammlu Lm15 ghal kull microphone w li kull gimgha Peter Busuttil kien jikri zewg microphones minghandu, ghas-somma ta’ Lm30 fil-gimgha eskluz il-VAT. Mistoqsi jekk jaghtix dan is-serizz lil xi programmi ohra, jghid li iva w semma liema huma.

Fit-13 ta’ Lulju, 2010 xehed **Andrew Psaila** w qal li hu kien jokkupa l-kariga ta’ Management Corporate Resources tal-PBS bejn 1998 u Gunju 1999. Ikkonferma li lil Peter Busuttil kien jafu qabel ma beda f’din il-kariga w li matul dak iz-zmien Busuttil kien qed jaghmel programm mal-PBS bl-isem Basta Mhux Weekend, is-Sibtijiet wara nofsinhar.

Ftakar li n-nies tal-PBS fosthom managers bhal Costantino Abela u John Raggio, kienu jgergru ghaliex il-konvenut ma kienx itihom informazzjoni bizzejjed u konsegwentement il-programm ma kienx jimxi kif kien jixtieq hu (Busuttil). Qal li dawn kienu jilmentaw li minhabba n-nuqqas ta' nformazzjoni jew li l-informazzjoni ma tasalx kmieni bizzejjed, certu facilitajiet rikjesti fil-programm ma kienux jistghu jinghataw kif suppost. Ikkonferma li bejn l-1999 u l-2005 ma kienx hemm submissions minn Peter Busuttil biex jaghmel programme fuq PBS. Wara l-2005 Peter Busuttil kien issottometta programmi, li anke kienu ntaghzlu mill-PBS, pero' mbaghad ma sarux minhabba nuqqas ta' qbil dwar finanzi. Spjega li huwa l-Production Manager il-persuna responsabbli tal-programm, pero' l-ilmenti kien jismaghhom fil-management meetings u anke minghand nies li kienu jmorru jkellmuh.

Fis-seduta tat-13 t'Ottubru, 2010 xehed **John Raggio** li ddikjara li kien jokkupa l-kariga ta' Manager Operations tal-PBS bejn il-perjodu 1998 u 1999 u xoghlu kien li jiehu hsieb li jkun hemm camera man, audio man, u props bizzejjed biex johrog programm. Jghid li l-involviment tieghu fil-programm Basta Mhux Weekend kien bhal fi programmi ohra, fis-sens li jipprepara l-affarijiet.

Spjega li *editing* isir billi wara li jsir il-filiming barra, il-producer jaghmel *shotlist* tal-affarijiet tieghu biex ikun jaf ezattament x'irid meta jigu ghall-editing u ma jihux hin zejjed. Qal li xoghlu kien li jipprovdi *editing suite* u dan permezz ta' *booking*. Qal li d-direttur u l-producer li jidhlu fil-kamra jiehdu t-*timings* ta' kull *shot* u huma jtuh lill-operator. Il-producer jibda jghid lill-editor biex imur f'hinijiet partikolari. Jghid li il-*bookings* ghall-*editing* isiru fi djarji apposta w dan skond il-granet tal-programmi w l-*availability* tal-kmamar.

Stqarr li Peter Busuttil kien jahdem hafna maghhom u hu qatt ma kellu problemi mieghu ghaliex meta kellu hin disponibbli dejjem offriehulu. Mistoqsi jekk Peter Busuttil kien ikollu *shotlist*, jghid li hu ma jidholx f'dawk l-affarijiet.

Qal li qabel ma tibda l-iskeda ta’ programm issir general rehearsal. Stqarr li kulhadd kien ikollu xi lmenti w dan ghaliex kienu jitolbu affarijiet li huma ma kellhomx. Pero’ stqarr li b’dak li kien jaghtih ghall-programm, kellu johorgu tajjeb zgur. Spjega li l-MTV kellha zewg studios, il-main studio u dak tal-ahbarijiet imma dak iz-zmien kollox kien qed isir minn Studio One. Jghid li nholqot problema ghax Peter Busuttil kellu jzarma s-set kull darba minhabba l-programm ta’ warajh. Mistoqsi jekk kienx hemm xi problema dwar l-armar tas-sett Basta Mhux Weekend jghid li sa fejn jaf hu dejjerm in-nies tal-PBS ramawh u zarmawh u qal li l-props jitpoggew fil-kamra ta’ wara biex meta jkun hemm bzonn jergghu johorgu jkunu lesti. Ma ftakarx li Peter Busuttil qatt irraportalu hsara fl-armar.

In kontro-ezami jghid li ghalkemm il-programm ta’ wara Basta Mhux Weekend kien wiehed sportiv li jixxandar il-Hadd, is-sett xorta jkun irid jizzarma w in-nies kienu jkunu mghagglin u huma kienu jhallsuhom tal-*overtime*. Ma ftakarx li Busuttil kien talabhom xi wattage partikolari ghall-bozoz u li huma mxew ma’ Busuttil bhal ma jaghmlu fi programmi ohra. Cahad li Peter Busuttil talabhom pjanu w dan ghaliex huma pjanu ghandhom u li kienu talabulhom kienu jtuhulu, pero’ ma jiftakarx jekk fil-fatt inharigx jew le.

**John Raggio** rega’ xehed fid-9 ta’ Novembru, 2010 u sostna li hu ma jafx bil-kuntratt li kien hemm bejn il-PBS u Peter Busuttil pero’ jaf li kellu jipprovdi d-dawl, is-sound u l-pjanu w izarma s-set, bhal ma jaghmel f’kull programm. Ma ftakarx kemm kellu prezentaturi l-programm Basta Mhux Weekend. Mistoqsi kemm kien hemm wireless microphones dak iz-zmien jghid li kien hemm sitta, pero’ zied li l-prezentatur mhux dejjem ikun bil-wieqfa, u meta jkun bilqeghda jkun hemm microphones ohrajn provduti. Qal li jaf lil Manolito Galea bhala t-tifel ta’ Doreen, pero’ ma jafx jekk effettivament provdiex servizzi lil Basta Mhux Weekend u programmi ohra. Jaf li Peter Busuttil kien jaghmel *editing* ta’ programmi ohra barra Basta Mhux Weekend.

Ma jafx kemm hux l-wattage mehtieg ghal fuq wara ta’ set, qal dwar dan ikun jaf inginier. Jaf li Charles Callus kien wiehed mid-diretturi tal-programm, pero’ ma jafx jekk ghadux ghax ilu hames snin nieqes mill-PBS.

Qal li hu ma kienx ikun prezenti biex jizzarma s-set pero’ jaf li kien ikun hemm nies tal-PBS prezenti. Jekk Romina Genuis kinitx tkun prezenti biex izzarma affarijiet delikati, ma kienx jaf. Ma setax jikkummenta dwar il-fatt li ma kienx hemm pjanu fis-set, pero’ rega’ nsista li jekk jintalab pjanu huma juthulhom ghax ghandhom wiehed. Dwar il-fatt li Manolito Galea kien jikri xi cordless microphones qal li jekk il-producer kien jitlob aktar mis-sitta li kellhom il-PBS seta’ jkun u huma ma kinux isibu oggezzjoni li juzawhom la darba jkunu jaqblu mas-sistema taghhom. Ma jiftakarx li kien hemm xi memo iffirmata minn Peter Busuttil fejn kien jilmenta dwar is-servizzi li kien qed jinghata u ma jaf bl-ebda memo ohra f’dan ir-rigward.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ Public Broadcasting Services Ltd. Prezentata fil-31 ta’ Dicembru, 2010 u n-nota responsiva tal-konvenut Peter Busuttil prezentata fil-15 ta’ Frar, 2011.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob li jithallas minghand l-attur is-somma ta’ sebgha mija w sitta w sittin Lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm766.48) rapprezentanti prezz ta’ *extra facilities* skond it-tliet (3) invoices OP/I000248 fl-ammont ta’ mija u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm138), OP/I000250 Portomaso fl-ammont ta’ erbgha u hamsin Lira Maltin u hames centezmi (Lm54.05) u OP/I000195 fl-ammont ta’ hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm574.43) ghat-trasmizzjoni tal-programm “Basta Mhux Weekend” skond il-klawsola numru tlieta punt tnejn (3.2) tal-ftehim datat 20 t’April, 1999 iffirmat minnu w mill-istess socjeta’ attrici, filwaqt li l-konvenut mhux qed jikkontesta li ma hallasx dawn it-tliet invoices, pero’ jghid li dan m’ghamlux principalment ghaliex l-attur ma onorax il-ftehim li kellu skond il-kuntratt datat 20 ta’ April 1999

esebit fl-atti u in segwitu' ta' dan in-nuqqas huwa sofra danni.

Dwar dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni w cioe' jekk tali hlasijiet kellhomx isiru mill-konvenut, ghaliex in realta' l-konvenut stess jghid li huwa mhux ser ihallashom peress li s-servizz li nghata mis-socjeta' attrici ma kienx skond is-sengha w l-arti w minhabba nuqqas t'osservanza tat-termini tal-kuntratt da parti ta' l-istess socjeta' attrici, huwa sofra danni.

Jinghad in linea preliminari li l-partijiet kienu marbuta b'kuntratt u ghalhekk il-principju *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non ferritur* jibqa' jsehh, sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza li hemm zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi fatt ghal xi raguni specjali. F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja w l-ekwita' ghandhom ikunu supremi. (Appell 15.12.1947 **Mercieca vs Pace** Vol XX111 .1.pagna 603).

Principju tad-dritt daqstant importanti w rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Art. 993 tal-Kap.16** li jaqra hekk –"*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.* (Ara - "**Depares noe vs O'Dea noe**" – A.C. -25 ta' Gunju 1996).

Kif tajjeb osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet **F. Advertising Limited (C27689) vs Francis u Antonia konjugi Grixti** ***"****Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl****-artikolu 992 (1****), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti*."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Gloria mart Jonathon Beacom vs AIC Anthony Spiterio Staines** deciza mill Qorti ta' l-Appell nhar 5 ta' Ottubru 1998 inghad li :-

*"Il-Principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraent kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda"*

Issir referenza fuq din il-materja, ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-Appelli Sede Inferjuri nhar id-29 ta' Ottubru 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Vittoria Sciberras et vs Sister Adelide Gauci** fejn inghad li:-

"*Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti, liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16."*

Referenza ohra dwar il-principju kardinali li jirregola din il-kwistjoni huwa dak imnissel fis-sentenza fl-ismijiet **Vella Group Limited (C22149) vs AX Construction Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2011, fejn inghad li "Kull ftehim li jsir bejn il-partijiet skond il-ligi jorbothom it-tnejn daqs kull ligi. L-**Art.992(1) tal-Kap.16** ighid hekk –"*il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*"

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Frar 1997 fil-kawza "**Vassallo noe vs Maggi**", il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:–

*… dak li ghandu l-aktar importanza huwa x'ezattament ikun gie miftiehem bejn il-partijiet dwar in-natura u l-kwalita` tax-xoghol li jkun ser isir u l-esperjenza tghallem illi l-kwestjonijiet jinqalghu ghaliex wiehed mill-partijiet jew it-tnejn ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim biex ma jinqalax inkwiet u disgwid wara.* Issa l-**Art.1002 tal-Kap.16** ighid li "*meta l-kliem tal-konvenzjoni huwa car ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni*".

Imbaghad hemm l-**Art.1010 tal-Kap.16** li jghid li "*fil-konvenzjoni ma jidhlux hlief il-hwejjeg li fuqhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-hsieb li jikkuntrattaw*."

Illi ghalhekk in vista' ta' dak li gie rilevat aktar 'l fuq il-kwistjoni bejn il-partijiet ghandha tigi regolata skond dak li ftiehmu l-istess partijiet fil-kuntratt iffirmat minnhom nhar l-20 ta' April 1999. (Dok A esebit a fol. 33).

F'dan il-kuntratt il-konvenut kien obbliga ruhu li jipproduci serje ghas-socjeta' attrici bl-isem 'Basta Mhux Weekend', konsistenti fi tmien programmi televisivi, b'kull programm ghandu jkollu durata ta' 240 minuta 'l wiehed u dan versu numru ta' kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt.

F'din il-kawza l-konvenut qed jallega li s-socjeta' attrici ma onoratx l-obbligi taghha w minhabba l-agir irresponsabbli taghha, huwa sofra danni. Ikun opportun ghalhekk li din il-Qorti tissottolineja l-obbligi li kellha s-socjeta' attrici PBS fil-konfront tal-konvenut.

Skond l-**artikolu 3.2** tal-kuntratt is-socjeta' attrici hija responsbabli ghal:

*i.* ""*adequate studio facilities including basic technical crew and camera crew as well as technical assistance when necessary.*
*ii.* *Four (4) hours of editing time per week.*
*iii.* *Four (4) hours of filming per week (no audioman included but with the provision of one cordless microphone)*

iv. *Link up facilities, not being more than one link per programme, on a single hop basis.*

*If the Producer requires extra failities these shall be at the sole expense of the Producer"*

Skond l-**artikolu 3.6** tal-kuntratt is-socjeta' attrici ghandha wkoll "*to set and strike the set for the programme".*

Illi din il-Qorti sejra tibda billi tittratta l-kwistjoni tal-kontijiet mibghuta mis-socjeta' attrici dwar il-hlas li kellu jaghmel il-konvenut ghal tliet links partikolari, w cioe' dik ta' Kastell Zammitello, li saret nhar l-1 ta Mejju 2005 (Dok B), ta' Portomaso li saret nhar l-14 ta' Mejju 1999 (Dok C ), u dik ta' Ghawdex li saret nhar is-27 ta' Marzu 1999 ( Dok D).

**Link Ta' Kastell Zammitello.**

Is-socjeta attrici qed tibbaza t-talba taghha ghas-somma ta' LM138 a bazi tal-invoice mibghtua minnha nhar il-31 ta' Mejju 1999. Dwar dan il-fatt hija ressqet bhala xhieda lil Costantino Abela jixhed u jghid li ma jafx li kien hemm xi lment dwar dan l-link. Mistoqsi allura xi tfisser l-ittra esebita mill-konvenut (fol. 83) datata 14 ta' Gunju 1999 indirizzata lic-Chief Executive, fejn il-konvenut ilmenta fuq il-link, jghid li ma jaf xejn dwarha, izda jekk irceviha jkun ghaddiha lil produttur Joe Galea. Jghid ukoll pero' fix-xhieda tieghu tat-3 ta' Ottubru 2002, li kien ikollhom kwistjonijiet mal-konvenut dwar il-links meta kien jilmenta li ma kinux imorru fil-post biex jaghmlu l-link fil-hin, izda jghid li dan kien isehh ghaliex il-konvenut kein jghidilhom il-post fl-ahhar mumenti. Jghid li jekk kien ikun hemm difett fil-link, dan kien ikun xi difett fil-*microphone* u b'hekk l-*audio* ma jkunx tajjeb, izda mhux fir-*reception*. Joe Galea pero' fix-xhieda tieghu jghid li dwar il-link ta Kastell Zammitello ma jafx li l-konvenut ilmenta dwar is-servizz. Pero' fix-xhieda li huwa ta fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2002 huwa pprezenta dokument li gie mmarkat bhala dok JG5 li hija l-attendance sheet sabiex jipprova li John Agius kien dahal ghax-xoghol meta sar il-link ta' Castello Zammitello fil-hinijiet hemm indikati, w cioe' nhar il-15 ta' Mejju 1999

Agius hadem minn 07.46a.m. sa 18.31p.m. Dan ifisser li f'dawn il-hinijiet Agius kien il-PBS jippancja.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li l-link ma kienx tajjeb u in oltre li gie zarmat qabel il-hin miftiehem. Fix-xhieda tieghu *ex admisses* jghid li ".. *esigejt link ghat-tul tal-programm.. ridt illi fil-perijodi saljenti tat-tieg jien mill-istudjo niffoka fuq dak li jkun qed isir waqt it-tieg, allura ridt il-link kontinwament ghad-disposizzjoni tieghi. Izda gara li f'dan il-kaz kull meta gejt biex naghmel link mat-tieg jien il-link ma sibthiex qed tiffunjzona tajjeb il-hin kollu…F'dan il-kaz partikolari kien essenzjali li l-link jaghtuhieli fil-mumenti saljenti tat-tieg bhal meta l-gharajjes ikunu qed jaqsmu l-kejk jekk ma tillinkjax f'dak il-mument, dan il-mument tliftu*."

Jghid ukoll li huwa kien telaq minn fuq il-post fejn kien qed jahdem u wasal fil-Kastell biex jaghmel l-eghluq tat-tieg, pero' jghid li fis-sitta l-impjegati tal-PBS kienu diga' zarmaw il-link. Ir-rappresentanti fix-xhieda taghhom dan jixhduh, pero' jirrizulta mid-dokument esebit, li dakinhar John Agius li kien responsabbli ghaz-zarmar tal-link kien diga' ppancja gewwa l-PBS fis-6.31p.m., u ghalhekk zgur li ma hax nofs siegha sabiex izarma link shih, jghabbi l-apparat kollu, w jitlaq bih lejn il-PBS, u jkun lest tant li jippancja li telaq mix-xoghol fis-18.31p.m.. Din hija prova cara, li gabet l-istess socjeta' attrici, li verament il-link gie zarmat qabel il-hin.

Hadd mix-xhieda li ressqet il-PBS ma qal li l-link kienet tajba. Costantino Abela fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2002 jghid biss li ma setax ikun li kien hemm *reception* hazina tal-link, pero' seta' kien hemm xi difett fil-*microphone* biex allura l-audio ma jkunx tajjeb. Dwar dan pero' jghid li qed jixhed minn dak li jiftakar.

Issa l-konvenut esebixxa wkoll ittra mibghuta lic-Chief Executive tal-PBS Andrew Psaila (Dok AC1) datata 14 ta' Gunju 1999 fejn fiha lmenta li s-servizz li qed jinghata fil-live links ma kienx tajjeb, jghid *"sound was totally wrong"* u li jissuspetta li kien hemm problema teknika tant li kellhom jabbanduaw it-trasmissjoni diretta *'on air'* darbtejn

u kellhom jabbandunaw il-promotional sponsors ta' Sterling Jewellers. F'din l-ittra l-konvenut talab lic-Chief Executive igib l-ilmenti tieghu a konjizzjoni ta' l-istess Costantino Abela, li jghid li ma jiftakarx li kien hemm ilmenti, pero' jghid fix-xhieda tieghu ta' l-istess seduta tat-3 ta' Ottubru 2002, li jekk gie mgharraf b'xi lment hu jkun ghaddieh lil Joe Galea. Dan kollu zgur ma jirriflettix professjonalita' dwar kif ghandha l-PBS taghti s-servizz taghha.

Dwar is-servizzi tal-links ta' Portomaso u ta' Gateway li l-konvenut qed jghid li ma kinux tajba, is-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda prova kuntrarja, anzi ressqet lil Costantino Abela li qal l-persuna li tiehu hsieb is-sorveljanza tal-progamm li jkun hiereg mill-istazzjon huwa il-Presentation Officer li jista' jkun wiehed mit-tliet persuni mpjegati f'din il-kariga, cioe' Karmenu Brincat, Edwin Debono u Joe Saliba. Pero' haga ta' l-ghageb, ghalkemm din il-kawza damet ghaddejja ghaxar snin dawn ix-xhieda qatt ma ngiebu l-Qorti biex jixhdu. Dawn kienu jkun l-aktar xhieda mportanti sabiex jghidu dak li rrizultalhom waqt is-servizz, peress li kienu jkunu prezenti. Costantino Abela jghid zgur fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2005, li jekk tieqaf link up ma tilhaqx taghmel il-provediment dak il-hin stess, u jekk imurlek link waqt programm dak il-programm ma jkunx irnexxa. Ghalhekk jaqbel ma' dak il qed isostni l-konvenut li dawk il-programmi fejn il-links ma rnexxewx ifissru li l-programmi kienu dizastru, w ghalhekk il-konvenut ghandu ragun li ma jhallasx ghal dan is-servizz.

Il-konvenut jilmenta wkoll li ma kienx ikollu *sound* tajjeb u bizzejjed microphones, tant li anke esebixxa xi ricevuta ta' kirjiet li allegatament ghamel ghal uzu ta' microphones. Jghid li ma kellux dwal tajba fis-sens ta' wattage, u li kellu juza l-impjegati tieghu, kif del resto tikkonferma Romina Hansford Genuis, li wara kull programm kellha tghin biex izzarma s-set. Jghid li kellu jikri pjanu ghal programm u dan nonostante li l-PBS tghid li kellhom pjanu, pero' ricevuta tal-pagament li ghamel ghal dan l-allegat pjanu ma pprezentax. Il-konvenut ipprezenta biss stima mahruga minn hanut tal-pjanijiet ta' kemm jiswa biex tikri pjanu, w il-prezijiet ivarjaw skond il-pjanu li tikri. Mill-provi

prodotti ma jirrizultax la d-dewmien tal-allegata kirja w lanqas it-tip ta’ pjantu li nkera. Jirrizulta biss bhala prova li pjanu kien hemm ghal xi perjodu, kif anke kkonfermaw xi impjegati tal-PBS li qalu li raw pjanu f’xi programme, w kif ikkonfermaw l-istess konvenut u Romina Hansford Genuis. Il-konvenut jghid ukoll li sofra danni fis-set, izda ma jipprovax x’danni sofra, fis-sens li ma ressaqx lil sid is-set biex jghid x’kienu dawn id-danni, w jekk l-istes sid fittixx lill-konvenut ghalihom. Il-konvenut jghid li sofra danni konsistenti wkoll billi tilef l-isponsors li kellu, w cioe’ dawk tal-Cosmoline u ta’ Sterling Jewellers. Dwar dan il-konvenut esebixxa kopja tal-invoices li kien baghat hu lil dawn il-kumpaniji rispettivi, izda ma ressaqhomx bhala xhieda sabiex jghidu li ma hallsux l-isponsor jew addirittura li ma kinux kuntenti bis-servizz, u li minhabba f’hekk qatghu il-kuntatt minn mal-konvenut. Il-konvenut jikkummenta w jghid li l-PBS ma kinux professjonali fis-servizz li taw u jesebixxi rapport li sar mit-task force sabiex isir *re-structuring* fil-PBS. Jghid li hafna mill-ilmenti tieghu huma hemm indirizzati.

Jinghad ukoll li Silvana Cristina li kienet tokkupa l-kariga ta’ Executive Broadcast kienet kitbet ukoll lill-konvenut nhar is-27 ta’ Marzu 1999 u filwaqt li rringrazzjatu ghas-servizz li ta lil PBS gharfet li kien hemm nuqqasijiet u differenzi. Fil-fehma taghha s-serje ta’ programmi marru tajjeb.

Il-konvenut jghid ukoll li t-televizjoni hija haga ta’ fiducja u jekk titlef il-fiducja tan-nies difficli zzomm il-kredibilta’. Jghid li minhabba l-agir tal-PBS huwa tilef ir-reputazzjoni tieghu, il-kredibilta’ tieghu u xoghol. Din il-Qorti hija tal-fehma li verament kien hemm nuqqasijiet min-naha tal-PBS, pero’ ma thossx li dawn affettwaw l-integrita’ o menu, u l-fiducja li l-istess konvenut ghandu mal-pubbliku.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li qieghda tichad it-talbiet attrici ghal hlas tas-somma ndikata fir-rikors promotur, u dan ghaliex ma thossx li huma dovuti fic-cirkostanzi stante l-inadempjenza kontrattwali tas-socjeta’ attrici, qieghda wkoll tichad it-talba rikonvenzjonali li ghamel il-konvenut dwar id-danni li**

**allegatament sofra, peress li dawn ma gewx ipprovati ghas-sodisfazzjon taghha.**

**Ghalhekk il-Qorti qieghed tichad it-talbiet attrici, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-talba attrici, qieghda wkoll tichad it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed mill-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------